MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 350/2000/1

**Charles u Mary konjugi Spiteri**

**vs**

**Associated Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Mejju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghul l-atturi sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun:

1. Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna jigi dikjarata u deciz iz-zewg "air conditioners"

tal-marka “Top” mixtrija mill-atturi minghand il-konvenut ta’ kapacita’ ta’ 15.500 Btu kellhom ikunu ta’ 12,000 Btu ghaliex huma kbar wisq fejn twahhlu u ghalhekk ma humiex ta’ kwalita’ patwitta;

2. Konsegwentement jigi dikjarat u deciz li dan il-bejgh ghandu jigi dikjarat null u rexiss;

3. Is-socjeta’ konvenuta ghandha tkun ikkundanata tirrifondilihom s-somma ta’ LM780.00,0 oltre l-imghax legali mid-9 ta’ Gunju 1999 u dan skond order number 4261;

4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-16 ta’ Novembru 1999 u tat-3 ta’ Frar 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-1 ta’ Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija insostenibbli billi ma hiex ikkontemplata fil-ligi Maltija. Jekk il-haga mibjugha ma tkunx skond il-kwalita’ pattwita, kif premess mill-atturi fl-avviz odjern, ix-xerrej jista’ jghazel li jirrifjuta l-konsenja tal-haga u jitlob id-danni, jew li jaccetta li jircievi l-haga bi prezz anqas. Ix-xerrej izda m’ghandux ir-rimedju pretiz bl-azzjoni attici, liema rimedju huwa rizervat lix-xerrej biss f’kaz ta’ azzjoni bbazata fuq il-garanziji sanciti mill-ligi sew ghall-pacifiku pussess tal-haga mibjugha u sew ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha;

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’kaz illi jirrizulta illi l-azzjoni attrici hi bbazata fuq il-garanzija tal-bejjiegh ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha, allura l-atturi ddekadew mid-dritt taghhom illi jippromwovu din l-azzjoni kontra s-socjeta’ eccipjenti a tenur tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili;

3. Illi fuq il-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari hawn sollevati, it-talbiet attrici

huma f'kull kaz infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra taghhom, billi ma huwiex minnhu li l-airconditioners mibjugha mis-socjeta' esponenti ma huwiex tal-kwalita' pattwita, kif ser jirrizulta aktar dettaljatament fil-kors tal-provi f'din il-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi f'Gunju ta' l-1999 l-atturi thajjru jixtru l-apparat tal-arja kondizzjonata intenzjonata ghar-residenza taghhom;

2. Illi munit b'din ir-rizoluzzjoni l-attur mar fix-"showroom" tas-socjeta' konvenuta biex jibda t-trattattivi tieghu halli jkun jista' jikkonsolida l-hsieb tieghu u jghamlu realta';

3. Illi l-attur ittratta ma' "salesman" li sab fl-imsemmija "show room", tah specifikazzjonijiet ta' fejn ried jinstalla l-apparat li ried jixtri minn hemm, informah li kellu bzonn apparat ghal tlett t-ikmamar ta' daqs differenti;

4. Illi peress li l-attur ma kienx cert mid-daqs tal-kmamar fejn ried jinstalla dan l-appart, allura s' "salesman" u hu ftehmu li s-socjeta' konvenuta tibghat "engineer" biex ikun jista' jkejjel u jistudja l-partikolaritajiet fejn kien ser jigi installat dan l-appart b'aktar precizjoni;

5. Illi jirrizulta assodat li s-“salesman” de quo assigura lill-konvenut li l-apparat li jirrakkomandaw ikun wiehed idoneu ghall-ambjent fejn kien ser jigi installat;

6. Illi l-attur kien ukoll informa lil dan is-“salesman” li hu ma kienx jifhem fit-teknikalitajiet involuti fl-appart de quo u li allura kien qed jistrieh fuq il-pariri li kien qed jinghata mill-impjegati u rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta;

7. Illi anke waqt dawn it-trattattivi preliminari l-istess “salesman”, a bazi ta’ l-indikazzjonijiet forniti lilu mill-attur kien issuggerixxa li l-potenza ta’ l-appart de quo kellu jkun ta’ tnax-il elf BTU, (12,000);

8. Illi stante li f’dan l-ewwel kollokju l-partijiet kienu biss qabblu li jezaminaw l-ambjent fid-dettal dovut biex b’hekk jiddeterminaw il-potenza ta’ l-apparat idoneu, allura l-attur hareg mix-“showroom” biss b’dan l-intendiment specifiku;

9. Illi pero’ dak inhar stess meta irritorna fir-residenza tieghu ircieva telefonata mis-“salesman” de quo li nfurmah b’certa insistenza li kellu jerga’ jirritorna fix-“showroom” biex jeffettwa depozitu dak il-hin stess, qabel il-hin ta’ l-eghluq, biex b’hekk jaccerta ruhu mill-akkwist ghaliex altrimenti kien ser jitlef il-possibilita’ li jixtri l-apparat mixtieq;

10. Illi effettivament, rinfaccat b’decizjoni bhal din, l-attur rega’ idderiga ruhu lejn ix-“show room” fejn kien aktar kmieni dak l-istess jum fejn ipprezenta d-depozitu minnhu mitlub minghajr ma kienet ghada giet determinata l-potenza ta’ l-apparat involut;

11. Illi f’dawk l-istess mumenti tad-depozitu s-“sales man” jidher li nforma lill-attur li s-socjeta’ attrici ma kelliex l-apparat bil-potenzjalita’ idonea izda apparat ta’ potenzjalita’ akbar cioe’ ta’ hmistax-il elf (15,000) B.T.U.;

12. Illi l-attur informa lil dan is-“salesman” illi hu ma kienx jifhem f’dan l-appart u kien qed jistrieh fuq is-

suggerimenti tieghu u jsostni nforma lil dan is-“salesman” li kellu jwahhallu “…dak li hu sewwa u tajjeb…” (ara fol 9);

13. Illi l-istallazzjoni ta’ l-apparat de quo ukoll kienet wahda problematika stante li jirrizulta illi dan gie installat minn haddiema ta’ eta’ zghira, principjanti u minghajr esperjenza f’dan ix-xoghol;

14. Illi meta l-apparat, issa mwahhal, beda jiffunzjona dan mill-ewwel beda juri karenzi kbar fil-funzjonament, u wiehed mill-“air conditioners” di fatti mill-ewwel kellu jigi sostitwit;

15. Illi z-zewg “air conditioners” l-orha rrizultaw li kienu ferm aktar b’sahhithom ghall-ambjent fejn gew installati u din il-proporzjonalita’ tant kienet ezageratament kbira li kienet tirrendi l-funzjonament ta’ l-apparat ghal kollox sproporzjonat u inidoneu;

16. Illi min dak inhar il-quddiem il-konvenuti bdew saga ta’ trattattivi, suggerimenti, xogholijiet u umiljazzjonijiet varji li wasslu biss lill-atturi biex jipprosegwixxu bil-procedura odjerna;

Ikkonsidrat:

Illi s-socjeta’ konvenuta minn naha taghha ssostni li l-procedura mghazula mill-atturi hi erronea stante li la ghazlu l-hekk imsejha “actio redibitoria” u lanqas in sostituzzjoni taghha ghazlu l-“actio aestimatoria”;

Illi kif sostniet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Giuseppe Cini et vs Antonio Cassar deciza fit-12 ta’ Gunju ta’ l-1952 huma vizzji redibitorji dawk li x-xerrej ma rax u lanqas seta’ jara;

Illi fil-kaz odjern l-apparat installat ma jirrizultax li kellu xi tip ta’ vizzju li seta’ jnaqqasslu mir-rendiment li oggettivament wiehed kien jistenna minn apparat ta’ dik il-potenza u li fil-fatt l-apparat hadem b’mod efficjenti;

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta mhix applikabbli u qed tigi respinta;

Ikkonsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni aestimatoria sollevata mill-istess socjeta' konvenuta in sostituzzjoni ta' l-ewwel wahda ghandu jinghad li din ukoll hi irrilevanti ghall-vertenza in dizamina stante li hawn mhux qed jigi analizzat xi mankanza ta' garanzija kif rikjest mill-artiklu 1413 citat mill-istess socjeta';

Illi ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qegheda wkoll tigi rispinta;

Ikkonsidrat:

Illi fit-trattattivi preliminari bejn venditur u kompratur, huwa l-onus tal-partijiet li jidhlu ghal dawn it-trattattivi b'animu limpidu u b'buona fede assoluta li ghandhom izommuhom tul it-trattattivi u anke oltre l-konsolidament kontrattwali;

Illi jirrizulta li l-attur li ttratta mas-socjeta' konvenuta hu bniedem komuni injar mill-finezzi xjentifici li taghhom hija responsabbli s-socjeta' konvenuta, liema socjeta' hi tenuta tispjega sewwa u kif dovut is-sitwazzjoni xjentifika lill-kompratur potenzjali;

Illi l-minimu li kompratur jirrikjedi f'cirkostanzi bhal dawn hu li tal-flus li qed ihallas hu jircievi s-servizz mitlub minghajr umiljazzjonijiet, raggieri jew intoppi inutli;

Illi l-obbligu tal-venditur, molto piu' bhal ma hu fil-kaz odjern meta ma tezistix dik il-konsapevolezza xjentifika minn wiehed mill-partijiet li tirrendi ghalhekk wahda mill-parti vulnverabbli aktar mill-ohra, allura l-venditur irid m'hux biss jiggwida lill-kompratur potenzjali biex ipoggieh f'posizzjoni li jeffetwa l-ghazla informata li hi l-aktar idonea ghalieh, izda li dejjem jagixxi in buona fede fil-konfront tieghu u ma jindirizzahx lejn decizjonijiet li jistghu b'xi mod ikunu ta' pregudizzju ghalieh u minghajr ma l-kompratur potenzjali jkun qed jara tali pregudizzju;

Ikkonsidrat:

Illi ghalhekk ic-cirkostanzi kollha hawn analizzati jwasslu lil din il-qorti ghall-konkluzjoni minhabba n-nuqqas ta’ buona fede da parti tas-socjeta’ konvenuta, fil-mument tal-konsolidament tal-kuntratt kien hemm zball essenzjali li jirrendi lill-istess kuntratt null u minghajr effett;

Illi kif isostni l-Pescatore – Ruperto p.1414:

“Errore determinante il consenso e’ soltanto quello che cade sulla sostanza del contratto: cioe’ sulla…cosa stessa o sulla qualita’ della cosa, che i contraenti hanno avuto principalmente in considerazzione” (Cass. 14 ta’ Lulju ta’ l-1949 n. 1787. Foro it; Mass. 1949, 368);

Illi dan l-element hekk determinanti ta’ l-essenzjalita’ ta’ l-izball ghandu jkun determinat biss permezz ta’ kriterji oggettivi stante li jiddetermina x’inhu vizzju tal-kunsens u konsegwentement jirrendi kuntratt immedjabbilment null u minghajr effett;

Illi ghalhekk l-apprezzament tal-fatti hu essenzjali ghad-determinazzjoni tal-vizzju fuq riferit, liema apprezzament ma jistax jirrizulta li kien wiehed ta’ natura legittima;

Illi in effetti l-agir tas-“salesman” tas-socjeta’ konvenuta juri biss li hu kien qed jagixxi biex jentrappola lill-attur u jiggranfalu mill-ewwel ghall-iskopijiet ezzenzjali tieghu;

Illi tali agir la hu legittimu u lanqas ser jigi avallat minn din il-qorti stante li m’hux biss kien sors ta’ pregudizzju serju ghall-atturi izda effettivament jirrendi r-relazzjoni kontrattwali ta’ kompra-vendita in dizamina null u minghajr effett;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta’ konvenuta tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socejta’ Associated Supplies Limited biex thallas l-ammont ta’ seba’ mija u tmenin Lira Maltin, (LM780.00,0), lill-atturi Charles u Mary konjugi Spiteri, bl-

ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru ta' l-1999."

Kontra din is-sentenza s-socjeta` konvenuta tqanqal dawn l-obbjezzjonijiet:-

i. L-ewwel Qorti injorat l-eccezzjoni preliminari taghha li tghid l-azzjoni attrici, in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, kienet insostenibbli, anke ghaliex ir-rizoluzzjoni jew rexxissjoni tal-ftehim, ma kienetx permissibbli wara r-recezzjoni tal-haga;
ii. L-ewwel Qorti zbaljat meta laqghet it-talbiet attrici fuq kawzali differenti minn dik proposta fl-avviz u mhux inkluza fit-talbiet;
iii. F'kull kaz l-ewwel Qorti zbaljat ukoll meta iffondat ir-ragunament taghha ghall-akkoljiment tat-talbiet fuq il-fatt ta' l-izball li jivvizzja l-kunsens u nducietu mill-mala fede tas-socjeta` appellanti. F'dan il-kuntest tissottometti illi l-izball twieled biss b'kagun ta' qisien hziena tal-kmamar kif suppliti mill-attur meta giet pjazzata l-ordni u konsegwentement kellha tiskatta l-klawsola 13 tal-kundizzjonijiet tal-ftehim fejn jinghad illi l-kumpanija ma hijiex responsabbli ghal kwalsiasi zball rizultanti minn istruzzjonijiet jew dettalji zbaljati moghtija mill-kumpratur;
iv. L-ewwel Qorti injorat ukoll il-portata tal-klawsola 12 tal-istess kundizzjonijiet. L-atturi ma setghux ghalhekk jitolbu r-rexxissjoni izda biss is-sostituzzjoni tal-prodott.
v. Gjaladarba l-ordni pjazzata kienet ghal tliet air conditioners il-Qorti ma setghetx tordna r-rexxissjoni tal-ftehim meta t-talba attrici kienet limitata ghal tnejn biss minnhom. Is-socjeta` appellanti ssostni illi gjaladarba l-bejgh gie dikjarat null u rexiss il-kuntratt huwa null ab initio u jikkomprendi fih anke dak l-air conditioner illi dwaru l-atturi ma ressqu ebda ilment.
vi. L-ewwel Qorti ordnat ir-rifuzjoni tas-somma ta' seba mija u tmenin Lira (Lm780) meta ma ngiebetx prova li l-atturi hallsu dan l-ammont. Hi ssostni illi l-ammont komplessiv li thallas ghat-tliet air conditioners kien ta' sitt mija disa' u tmenin lira Maltija (Lm689), kompriz il-valur tal-air conditioner (Lm480) mhux in disputa. Tikkontendi ghalhekk illi se mai r-rifuzjoni kellha tkun limitata biss

ghad-differenza ammontanti ghal mitejn u disa' liri Maltin (Lm209).

vii. L-ewwel Qorti ma kelliex tordna l-hlas tal-imghax b'effett mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 1999 billi din ma kienet ittra ufficcjali xejn izda sempliciment ittra bonarja.

Ghal dawn l-aggravji l-atturi appellati jwiegbu telegrafikament hekk:-

a. L-ordni pjazzata minnhom kienet tikkorrispondi ghat-tliet air conditioners kwotati fuq il-bazi tal-kejl provvdut. Billi fil-mument tal-iffirmar ta' l-ordni (fol 45) s-salesman tad-ditta konvenuta nforma lill-attur illi ma kellhomx disponibbli air conditioners tal-kapacita` ta' 12000 BTU gew suppliti ohrajn ta' 15000. Kif mistqarr mill-attur (fol 9) "Jien wegibtu li ma kontx nifhem u hallejt f'idejh". Irrizulta li ghad-daqs tal-kmamar dawk forniti kienu jkesshu aktar milli suppost;

b. Il-ligi ma tistipulax xi forma sagramentali ghal dak li ghandu jintalab fl-avviz;

c. Hi haga normali illi meta l-oggett ma huwiex tal-kwalita` pattwita tintalab ir-rexissjoni u r-rifuzjoni tal-flus imhallsa jew li kellhom jithallsu;

d. It-talba saret ghall-hlas lura ta' seba' mija u tmenin lira (Lm780) ghaliex minkejja li ma hallsux dan l-ammont kontra taghhom f'idejn is-socjeta` appellanti jezistu l-kambjali. Jargomentaw ghalhekk illi fi kwalunkwe hin is-socjeta` appellanti tista' titlob il-hlas ai termini tal-istess kambjali;

e. L-izball ma jistax ikun attribwibbli lilhom ghaliex huma talbu kapacita` ta' air conditioners li ma gietx hekk konsenjata lilhom;

f. L-'istandard clauses' a tergo tal-ftehim ma jistghux jinnewtralizzaw it-talba taghhom, anke ghaliex, kif isostnu, dawn ma gewx akkonsentiti minnhom.

Dan premess, din il-Qorti trid qabel xejn tosserva illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt involuti f'dan il-kaz mhumiex nieqsa minn diffikoltajiet. Dan anke ghaliex il-gurisprudenza taghna riferibilment ghall-portata ta' l-Artikolu 1390, li dwaru ma nsibux korrispondenti la fil-ligi

taljana u lanqas f'dik franciza, mhux dejjem kienet wahda konsistenti. B'illustrazzjoni ta' dan u in sostenn tal-ewwel aggravji taghha l-istess socjeta` appellanti tirreferi ghas-sentenza magistrali ta' l-Onor Imhallef Maurice Caruana Curran fil-kawza fl-ismijiet "**Emmanuele Calleja –vs- Joseph Grech**" deciza fl-10 ta' Gunju 1965 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Fiha nsibu dawn l-osservazzjonijiet u enuncjazzjonijiet generici tal-principju:-

i. L-indirizz gurisprudenzjali lejn il-kwestjoni hi li l-azzjoni taht l-Art 1440 (illum Art 1390) tal-Kodici Civili hu li din tigi ammessa ndiskrimitament kemm jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja tal-haga kemm jekk le. B'ezemplari gew riferenzjati s-sentenzi a **Vol XXVI pI p193**; **Vol XXXI pI p678**; **Vol XXXII pI p163**; **Vol XXXVIII pII p688** u **Vol XXXIX pI p250** fost ohrajn.
ii. Filwaqt li taccetta l-punt, fuq l-awtorita` tal-precedenti, illi tirrikonoxxi l-applikabilita` tar-rizoluzzjoni wara l-konsenja, b'danakollu izzid tghid li thossha preokkupata jekk fil-kaz ipotezzat taht l-Art 1390 ir-rizoluzzjoni setghetx tigi sperimentata. L-argomenti avvanzati jikkoncernaw l-aspett illi dan l-artikolu jinsab kollokat fost id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-konsenja jew it-'traditio' tal-haga venduta, u dippju, l-Artikolu 1457 (prezentement l-Art 1407) tal-Kodici Civili dwar il-perijodu preskrittiv isemmi r-"repudiation" jew recess mill-kuntratt li hi haga differenti mir-rizoluzzjoni wara li jkun gja gie ezegwit.
iii. F'dan l-gharef gudikant isib sostenn minn certu ndirizz iehor gurisprudenzjali, ad exemplum, id-decizjonijiet a **Vol XVIII pIII p59**; **Vol XX pI p273** u **Vol XXI pI p399**. B'konsult ta' l-ewwel sentenza jinghad li fiha gew koncisament spejgati l-elementi ta' l-azzjoni taht l-Art 1390 u cjoe (1) il-promessa esplicita ta' xi kwalita` li l-kompratur kellu specjalment in mira u (2) li l-kompratur ikun ghadu ma rceviex il-haga. F'kaz li x-xerrej jircievi l-haga bla protesta tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt izda jekk tigi konsenjata lilu minghajr indizju ta' approvazzjoni mix-xerrej, il-mankanza ta' xi kwalita` determinanti, mill-

punto di vista tax-xerrej, taghti lok ghar-rexxissjoni tal-kuntratt, ghax dan ikun fondat fuq zball.
iv. L-azzjoni ghar-rizoluzzjoni minhabba inadempjenza hija bazata fuq il-principju generali "inademplenti non est ademplendum" u fuq il-patt kommissorju tacitu tipiku tal-kuntratt bilaterali (Art 1068, gja Art IIII tal-Kodici Civili). L-Artikolu 1390 invece huwa disposizzjoni 'sui generis' li japplika biss ghall-kazijiet fih espressament previsti.
v. Il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' kawzali u ta' domandi barra mic-citazzjoni u ghandha toqghod biss fuq il-kawzali tal-inadempjenza fil-kwalita` garantita u ghad-domanda tar-rizoluzzjoni li taqa' taht l-Art 1109-1112 (illum 1066-1069) tal-Kodici.

Rigwardat mill-ottika ta' din is-sentenza ma jistax jinghad illi l-aggravju tas-socjeta` appellanti minn dan il-punto di vista hu nieqes minn bazi guridika. Dak li forsi pero` qed tinsa s-socjeta` appellanti hu l-fatt illi, kif ravvizat ukoll mill-atturi appellati, hawnhekk si tratta minn gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri u allura l-ewwel Qorti ma kenitx strettament marbuta mal-kawzali tal-avviz. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Francis Fenech –vs- Joyce Portelli et**", Appell, Sede infejuri, deciza wkoll mill-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fid-29 ta' Marzu 1982.

Kif jinsab rilevat "il-procedura fil-Qrati Inferjuri, ghalkemm sommarja, mhijiex pero` tali fis-sens li tista' tigi vjolata l-ligi, kemm fis-sens tal-Art 213 (illum 215) tal-Kap 12 u anke fis-sens illi l-ligi stess f'certi disposizzjonijiet taghha, immitigat il-formalizu tal-Qrati Superjuri. Hekk per ezempju c-citazzjoni fil-Qrati Inferjuri tista' tkun f'forma ta' semplici avviz minghajr il-formalitajiet tac-citazzjoni vera u proprja (Art 171). Hekk ukoll per ezempju fil-Qrati Inferjuri, l-Qorti tista' tiddeciedi fuq dak li jkun irrizultalha avvolja ma jkunx jidhol precizament fit-talba originali (Art 211, illum Art 213)" – "**Blanche Pace Bonello et –vs- Emmanuele Cordina**", Appell Sede Inferjuri, 9 ta' Jannar 1960 riportata a **Vol XLIV pI p434**.

Fid-dawl tal-premess l-aggravji koncernanti dan l-aspett tal-materja ma jistghux jigi ntrattenuti.

Is-socjeta` appellanti tattakka wkoll is-sentenza appellata billi tirritjeni illi l-ewwel Qorti ma messiex ikkonkludiet illi l-ftehim kien jiddifetta minhabba zball essenzjali li jirrendi l-istess kuntratt null u minghajr effett.

Evidentement jidher li l-ewwel Qorti ibbazat ir-ragunament taghha fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 975 (2) tal-Kodici Civili li jippreciza illi “l-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita` hlief meta jaqa’ fuq is-sustanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim”.

Fir-rigward hi gurisprudenza pacifika illi biex jinvalida ftehim l-izball irid ikun sostanzjali, skuzabbli u determinanti. Dan tal-ahhar fis-sens li minghajru l-parti li tkun ikkuntrattat taht l-izball ma kienetx taghti l-kunsens taghha kieku kienet taf il-verita`. (Ara “**Michael Cachia –vs- Dr. Frank X. Vassallo**”, Appell Civili, 20 ta’ Ottubru 1961). Kwantu ghal kriterju tas-sostanzjalita` jinsab generalment ritenut li zball soggettiv jista’ jkun bizzejjed (**Vol XXIV pI p1131**; **Vol XXXIV pIII p753**). Gie pero aktar approfondit illi ghalkemm zbalji ta’ natura soggettiva kapaci jikkondizzjonaw il-kunsens fl-attur dawn “ma jikkostitwux l-izball oggettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita’ preciza, l-kwalita` intrinsika tal-oggett, li huwa l-izball li l-ligi tirrikonoxxi bhala l-element li effettivament jannulla l-kunsens mehtieg ghall-validita` ta’ kull kuntratt” - “**Spiridione Cauchi –vs- Amelia Borg et**”, Appell, 11 ta’ Gunju 1992.

Fl-ahharnett, biex zball jitqies skuzabbli dan jigri meta jkun kawzat mill-fatt tal-parti l-ohra. Anke hawn pero` gie ritenut illi ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa’ fih meta l-fattijiet li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli (**Vol L pII p434**).

Fl-isfond ta’ dawn il-principji u tal-provi akkwiziti l-Qorti ssib, bhall-ewwel Qorti, illi minn natura stess tal-oggett vendut, hekk altament ta’ natura teknika u specjali, kien facli li l-attur, meta iffirma l-ordni, gie indott f’dak l-izball oggettivizat li ssemmi s-sentenza appellata u li tirreferi ghalihom il-gurisprudenza appena accennata. Dan, multo

magis, imbaghad meta l-atturi ma kienux persuni kwalifikati fl-air conditioners, ma kienux jifhmu u hallew f'idejn persuni aktar esperti fuq il-materja. Dan kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-attur Charles Spiteri (fol 8). Sitwazzjoni konsimili ma tistax, fil-fehma tal-Qorti, titqies kondotta ta' imprudenza jew leggerezza, kif hekk kien inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Francis Penza –vs- John Mallia**", Appell, 6 ta' Mejju 1991, izda pjuttost ta' imgieba ta' min fil-kaz partikolari akkorda affidament pjen lil min ikkonsiljah jiehu air conditioners garantiti u ta' kapacita` superjuri ghal dak konsentit riferibilment ghad-daqs tal-kmamar.

Kif taraha din il-Qorti l-materja setghet ukoll tigi nkwadrata mill-ottika rientranti fid-dixxiplina ordinarja ta' l-inadempjenza kontrattwali ghal liema japplikaw id-disposizzjonijiet generali fuq ir-rizoluzzjoni minhabba inadempiment u l-kolpa tal-venditur. F'sitwazzjoni bhal din setghu jigu ezaminati l-kwalitajiet essenzjali kif ukoll il-kwalitajiet imweghda tal-haga ghall-uzu li ghaliha hi destinata. A propozitu l-Kodici Civili Taljan jikkontjeni disposizzjoni specifika fir-rigward (Art 1497) li giet hekk interpretata mill-Qorti ta' Kassazzjoni.

"Si e` precisato in gurisprudenza che qualita` essenziali devono considerarsi quelli indispensabili per l'uso cui la cosa di un determinato tipo e` normalmente destinata (**C 83/4175**); della loro esistenza il venditore risponde anche se non siano state specificamente dedotte in contratto. Qualita` promesse sono invece quelle atipiche, se inerenti ad un uso diverso da quello normalmente proprio della cosa venduta, oppure particolari, se inerenti ad un uso della cosa conforme alla sua destinazione, ma da farsi a determinate condizioni; della loro esistenza risponde solo ove siano state dedotte (anche implicitamente) in contratto" (**C 93/6240**, **C 78/5257**). Dan il-bran huwa mehud mill-opera ta' **Cian u Trabucchi**: "Commentario breve al Codice Civile, Sesta Edizione, 2002.

Il-Qorti ssib illi fil-kaz in ezami z-zewg air conditioners venduti u li dwarhom l-atturi qed jiddomandaw ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt kienu difformi minn dak previst

ghal dak li jirrigwarda l-integrita` u l-adegwatezza taghhom in relazzjoni mal-funzjoni intiza. Tali nuqqas igib certament l-inidoneita` tal-uzu li jista' jitqies kemm essenzjali kif ukoll sostanzjali, kif hekk jidher li hu akkolt mill-gurisprudenza bhala kwalifika ta' l-oggett vendut (Vide Kollezz **Vol XXXI pI p678**).

Is-socjeta` appellanti tillamenta wkoll illi l-ewwel Qorti injorat l-klawsoli stampati fuq ir-retro tad-dokument ta' ftehim. Fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li r-rimpjazzament tal-oggett hu mholli fid-diskrezzjoni assoluta tal-kumpanija (klawsola 12), u dan l-istess socjeta` appellanti mhux biss ma accettatx li taghmel izda lanqas biss ma ressqet eccezzjoni sussidarja fir-rigward. Addirittura, imbaghad, sostniet li t-talba attrici mhiex meritevoli ta' akkoljiment.

Issa huwa maghruf illi kull modalita` potestattiva li tiddependi biss mir-rieda ta' dak li jobbliga ruhu hija nulla. Dan jipprovdi ghalih espressament l-Artikolu 1056 (1) tal-Kodici Civili. Il-kundizzjoni imsemmija stipulata fil-kuntratt ta' ftehim tiddependi unikament mir-rieda tas-socjeta` appellanti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta dik il-kondizzjoni. Ara in tema decizjoni fl-ismijiet "**Mario Bezzina –vs- Albert Mizzi nomine**", Appell Kummercjali, 22 ta' Jannar 1992. Ghalhekk ukoll dan l-aggravju qed jigi respint.

Aggravju iehor sollevat hu dak li l-Qorti ma setghetx tordna r-rexxissjoni tal-ftehim gjaladarba l-komprovendita` kienet ta' tliet air conditioners u wiehed minn dawn, aktar tard mibdul b'wiehed ta' kapacita` nferjuri, ghalkemm ghar-ragunijiet ta' hsejjes, gie ritenut mix-xerrej.

Din il-Qorti ma tara xejn guridikament anomalu illi t-talba ghar-rexxissjoni tkun limitata ghal parti biss mill-ftehim bejn il-kontraenti. Dan aktar u aktar fejn bhal f'dan il-kaz kull 'unit' huwa identifikat u abbinat il-prezz partikolari ghalih.

Il-Qorti wkoll lanqas ma taqbel mal-osservazzjoni tas-socjeta` appellanti f'dan l-istess kuntest illi gjaladarba l-bejgh gie dikjarat null u rexiss, allura l-kuntratt huwa null

‘ab initio’ u allura jikkomprendi fih anke dak l-air conditioner illi dwaru l-atturi ma ressqu l-ebda lment. Kieku qrat attentament is-sentenza minnha stess citata fl-ismijiet “**Calleja –vs- Grech**”, Prim’Awla, 10 ta’ Gunju 1965, kienet forsi tkun konsultata ahjar billi proprju fiha jinghad illi “fir-rexissjoni, il-kuntratt ghalkemm validu, ikun difettuz u ghalhekk annullabbli” (**Vol XLIX pII p963**).

Dan stabbilit il-Qorti pero` tara sens hafna fl-aggravju riferibilment ghall-ammont li s-socjeta` appellanti giet ikkundannata thallas. Jekk fil-verita`, u dan ma jidherx li hu negat, l-atturi hallsu l-ammont komplessiv hemm indikat f’dan l-aggravju allura ma jidherx li huwa logiku li s-socjeta` appellanti tigi obbligata thallas anke ammonti li ma rcevietx. Il-fatt tal-ezistenza tal-kambjali ma hijiex per se gustifikazzjoni biex tigi mposta kundanna bhal din, bir-riskju ghas-socjeta` appellanti illi l-kawza issir ‘res judicata’ u din tigi opposta f’azzjoni kambjarja potenzjali l-quddiem. Jinhass ghalhekk gust illi r-rifuzjoni tkun limitata biss ghas-somma in eccess tal-valur tal-air conditioner li l-atturi ddecidew li jzommu u li dwaru ddikjaraw li huma kuntenti hafna u qatt ma kellhom problemi bih. Naturalment fil-parti disposittiva ta’ din is-sentenza l-Qorti ser tahseb ukoll, maghrufa c-cirkustanzi u li ma jidherx li kienu a konoxxenza ta’ l-ewwel Qorti, biex is-socjeta` konvenuta tirritorna lill-atturi appellati wkoll il-kambjali li ghad ghandha fil-pussess taghha. B’hekk ukoll tigi sodisfatta l-interpellazzjoni ufficjali tas-socjeta` appellanti tal-10 ta’ Gunju 2002 li kopja taghha giet esebita fl-atti ta’ dan l-appell.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi accettat. Hekk ukoll qed jigi accettat l-ahhar aggravju billi kif specifikat fl-istess avviz l-ittra tas-16 ta’ Novembru 1999 ma kienetx wahda ufficcjali izda sempliciment ittra legali. In effetti fuq din il-lanjanza ma jidherx illi l-atturi ikkummentaw dwarha fir-risposta ta’ l-appell taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed timmodifika s-sentenza appellata billi, ferma restendo d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar il-meritu tal-kaz, u prevja wkoll ir-rigett tal-aggravji tas-socjeta` konvenuta fir-rigward, thassar dik il-parti tal-

istess decizjoni li biha kkundannat lis-socjeta` appellanti ghal hlas ta' seba' mija u tmenin lira (Lm780) billi tirreduci dan l-ammont li ghandu jigi rimborsat fis-somma ta' mitejn u disa liri Maltin (Lm209). Is-socjeta` appellanti ghandha b'danakollu tghaddi wkoll lill-istess atturi l-kambjali kollha li ma gewx prezentati ghall-hlas u li jinsabu fil-pussess taghha. Ir-rimbors tas-somma fuq indikata u l-imghax relattiv fuq l-istess somma, dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz (24 ta' Marzu 2000), ghandu jsir kontestwalment mal-izmantellar u tehid lura mis-socjeta` appellanti taz-zewg air conditioners in kwistjoni.

Kwantu ghall-ispejjez gudizzjarji, fic-cirkostanzi kollha specjali ta' dan il-kaz, dawn kemm ta' din l-istanza kif ukoll dawk tal-ewwel grad ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------